



Insaħħu l-Identità Ewropea permezz tal-Edukazzjoni u l-Kultura

Il-Kontribut tal-Kummissjoni fl-Ikla ta' Ħidma tal-Mexxejja Gothenburg, is-17 ta' Novembru 2017

#FutureOfEurope #EURoad2Sibiu

SUĠĠERIMENTI POLITIĊI EWLENIN MILL-KUMMISSJONI EWROPEA LILL-MEXXEJJA TAL-UE

Il-Mexxejja huma mistiedna jiddiskutu u jagħtu orjentazzjoni strateġika dwar is-**sitt suġġerimenti politiċi ewlenin** li ġejjin mill-Kummissjoni Ewropea, mingħajr preġudizzju għad-deċizzjoni finali fil-Qafas Finanzjarju Pluriennali li jmiss:

1. issaħħaħ il-**programm „Erasmus+”** għall-kategoriji kollha tat-tagħlim li jkopri diġà (studenti skolastiċi, studenti, *trainees*, apprendisti u għalliema) bil-għan li jirdoppja l-għadd ta' parteċipanti u jilħaq studenti li ġejjin minn sfond żvantaġġat sal-2025;
2. issir ħidma fuq **Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar titjib fit-tagħlim tal-lingwi fl-Ewropa**, li jstabilixxi parametru referenzjarju biex sal-2025 iż-żgħażaġh Ewropej kollha li jispiċċaw l-istudju sekondarju għoli jkollhom għarfien tajjeb ta' żewġ lingwi apparti l-lingwa/(i) materna/(i) tagħhom;
3. issir ħidma fuq **Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar ir-rikonoxximent reċiproku ta' edukazzjoni aktar għolja u diplomi ta' tluq tal-iskola/perjodi ta' studju barra l-pajjiż**. Dan jista' jiġi akkumpanjat bi proċess ġdid ta' bini fuq l-esperjenzi ta' skemi ta' kooperazzjoni eżistenti biex jiffaċilita tali rikonoxximent u javvanza l-validazzjoni transfruntiera taċ-ċertifikati tat-taħriġ u tat-tagħlim tul il-ħajja (il-“proċess Sorbonne”);
4. tissaħħaħ il-kapaċità finanzjarja tal-**Faċilità ta' Garanzija tas-Setturi Kreattivi u Kulturali** sal-2020 sabiex tippermetti lil banek u istituzzjonijiet finanzjarji oħrajn minn għadd akbar ta' pajjiżi jżidu b'mod sinifikanti l-finanzjament ta' impriżi żgħar u ta' daqs medju fis-setturi kulturali u kreattivi;
5. issir ħidma favur universitajiet verament Ewropej li jiġu permessi jiffurmaw netwerk u jikkooperaw bla xkiel lil hinn mill-fruntieri u jikkompetu internazzjonalment, inkluż il-**ħolqien ta' Skola ta' Governanza Ewropea u Transnazzjonali** (ospitata mill-Istitut Universitarju Ewropew f'Firenze, l-Italja);
6. tissaħħaħ id-dimensjoni Ewropea ta' **Euronews**.